Silan (سيلان)

ħaġra prezzjuża li tagħti s-saħħa;
ġulepp tat-tamal; isem ta' dar, kamra
jew mitraħ mingħajr indirizz fiss

١

Int gżejra ’l hinn miċ-ċkunija tal-gżejjer.
Inniżżel l-ankra ħdejk u nibqa’ għal dejjem,
anki meta nerġa’ nsalpa fuq xogħol
taħt xefaq jew ieħor, bejn belt u oħra.
M’hemmx bogħod minnek, lanqas fuq l-ikbar mappa –
l-antipodi ta’ qalbi ssibhom f’demmek,
bħal kull latitudni oħra ta’ mħabbti
tmewweġ fil-baħar nofsani t’għajnejk.

٢

Qajl qajl qed jimla l-qamar ġewwa żaqqi,
jiġbidli demmi lejk qed tistennieni
baħar u nofs ’il bogħod. Hawn laħmi kollu
joħlom li jitħannen fil-wied ta’ ħobbok.
Hawn xoffti mielħa trid ix-xatt ta’ fommok.
Kif nasal, tibża’ xejn minn din il-mewġa –
ir-ragħwa ġejja taħslek ilha xahar
tħejji għas-sura preċiża ta’ ġenbejk.

٣

Inbusek fuq ġbinek. Inħobb kif taħseb.
Inħobb kif jikber il-baħar f'għajnejk.
Inħobb kif tilqa' d-dawl u d-dell fuq wiċċek
u tibqa' ħiemda, u jeħmed kull m'hemm ħdejk.
Inbusek fuq ġbinek. Inħobb kif torqod.
Bewsa twila nieżla ġo ħsibijietek.
Toqtor fil-wied iċafċaf ġewwa ħolmtok.
Iddub fl-ikħal mielaħ li jimla skietek.

٤

Hawn rasek mimduda fuq sidri, ħaddek
nieżel fil-kustilji bħax-xemx fil-baħar.
Hawn xagħrek lewn il-lejl jgħatti sa spallti
bil-minġel abjad jgħaddi bla ma jaqta'.
Hawn nifsek rieqed jimla, jofrogħ, jimla,
jofrogħ tul ir-ramla sħuna ta' għonqi.
U jien frejgatina mad-dlam marbuta,
nitbennen, kemm kemm negħreq fiċ-ċafċif.

٥

Kull meta toqrob lejja qamar kwinta.
Tiela' 'l ġewwa l-mewġ, il-mewġ tiela' 'l ġewwa.
Riesqa r-ragħwa sal-pxiexel, riesqa r-ragħwa
xxeblek ma' kuxxtejja, iddur fiż-żokra,
tindiehes f'kull pora, tgħatti s'abtejja.
Ragħwa bajda bħal dan il-qamar kwinta
ifexfex fuqi u fija, ileqq ma' ġildti,
jiġbed l-ilmijiet ġejjin għal xufftejk.

٦

Tgħarrex b’tarf imnieħrek fil-bosk ta’ sidri.
Għidtli: “Ġejt indur dawra ma’ dil-gżira”.
Qalbi, oqgħod kemm trid. Imxiha kollha.
Tista’ tgħum u tistad, titbennen f’werqa.
Imtedd laġenba, widna ’l fuq, widn’isfel.
Ħoss il-friegħi jiżfnu fil-frisk taż-żiffa.
L-għeruq jibqgħu niżlin sa qiegħ id-dinja,
hemm fejn it-taħbit ilaħħaq ma’ nifsek.

V

Gidma bil-ħlewwa f'widinti, mewġ, mewġ,
qed inħoss ġismek kollu jofrogħ lejja.
Gidm'oħra, ninħall, iċċedi l-irkoppa,
nimtedd ħafif fuq ir-ramel ta' ġildtek
jilqa' l-piż ta' demmi, is-sura ta' mħabbti.
Fuq dan il-mitraħ jew f'dat-tarf ta' baħar
nitgerbbu 'l hinn u 'l hawn f'lożor ir-ragħwa
b'kull mewġa tigdmilna kemm kemm widnejna.

Λ

Qed niktiblek mill-muntanji. Qed noħlom
bl-irkiekel ta' dahrek, subgħajja jmellsu
qċaċet, djul, widien. Bewsa fl-altipjan
ta' spalltek, nieżla fil-ħażiż, fil-borra,
nieżla dduq mill-melħ jagħli minn ġol-blat.
Imxejt bejn il-muntanji, u mxejt, u dahri
kulma joħlom li jimtedd wara dahrek,
bewsa fi spalltek, u raqda fit-tul.

٩

Dat-tlugħ ħafif f'nofs sidri kif tiftaħli
dirgħajk u għajnejk biex niżloq ġo fihom.
Dat-tferfir fi spallejja kif taħtafli
xoffti t'isfel bejn snienek jiġbdu, jiġbdu.
U tielgħa, qalbi tielgħa bħal bużżieqa,
tielgħa qalbi sa ħarġet minn ġo fija,
naqbad il-ħabel, ninqata' mill-art,
nibqa' tiela' bih sas-sema t'għajnejk.

١٠

Għannaqni kif taf. Sikkitni bi snienek.
Agħsarli din ix-xitwa minn ġo dahri.
Agħfasni ma' sidrek. Ħoll l-għoqda f'demmi.
Imlieli fommi b'mewġ li jibqa' ġej.
Il-qamar jimla fuqna jafek sew.
Qed iqattar il-fidda fuq spallejk.
Iġbidni miegħek lejn il-baħar fond.
Fir-rima ta' ġenbejk ma nibża' xejn.

١١

Mewġa fuq mewġa kollox jaqa' f'postu.
Bħal dahrek għal fuq ħobbi, idi f'sidrek.
Bħal xufftejja fil-ħnejja ta' bejn għonqok
u spalltek tax-xellug, bħal nifsi f'ġildtek,
bħal rasek taqa' lura, ħaddek f'ħaddi,
bħal sieqek tistrieħ fil-pala ta' sieqi.
Bħal-lejl nieżel fuq din il-mitraħ-għira
u miegħu dell ġisimna jgħum fid-dlam.